IR-RABA' KTIEB
TAT-TNAX-IL-SENA

DIĊEMBRU
1936

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

Għalqet sena oħra — Dwal (Karmenu Vassallo) — Villà Rumana (Ġ. Chetcuti) — Għaliex il-Versi tat-Tmienja fil-Poeżija Popolari (Dun Karm) — Jum l-Armistizju, 1936 (Dun Karm) — L-Iskrapan Maltin fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta (Ġużè Gatt) — Ġejja x-xita (R.M.B.) — Mikiel Anton Vassalli (A.C.) Imrar u Ħlewwa (R.M.B.) — Kotba ġodda bil-Malti fl-1936 (F. S. C.)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IR-RABA' KTIEB TA' L-1936


## GĦALQET SENA OĦRA

u r-Rivista tagħna, "Il-Malti", għadha miexja f'saħħitha, mibruma u ħafifa bħalma kienet fl-ewwel snin ta' ħajjitha.

Tnax-il-xitwa – bir-riħ, bil-bard, bil-kesħa,—u tnax-il-rebbiegħa—bix-xmejxa, bid-difa, bil-ħeġġa,—għaddew fuqha u marru; iżda kull żmien ħalla wrajh il-ward tiegħu u l-frott tiegħu li għadu migbur u miżmum b'għożża kbira fil-Volumi ta' "Il-Malti".

U kemm għadu jfuħ dak il-ward, u kemm għadu bnin dak il-frott jixhduh mhux biss ħafna mill-pajżani tagħna, li aktar ma jgħaddu s-snin aktar ifittxuhom u u aktar iħobbuhom, iżda xi barranin ukoll—li minn dak li jidher għandhom imnifsejn tajba u palat f'siktu—li qegħdin ixittlu minnhom fil-ġonna tagħhom.

Ma ngħiduhx biex niftaħru, iżda fraħna meta għarafna li xi wardiet imnisslin minn dawn tagħna fetħu fi ġnien mill-isbaħ li haw' fid-dinja, ġnien mifrux fuq iż-żewġ xtajtiet ta' xmara kbira u sabiħa, fejn jiżgħed il-ward ta' waħda mill-ogħna u mill-isbaħ letteraturi li qatt ħaseb il-moħħ u ħadmet il-qalb tal-bniedem; u li xiħadd li jifhem fisser illi dawk il-wardiet ma għamlux għajb lill-ward ta' hemmhekk.

Fraħna, għaliex, jekk tfulija tajba u qawwija hi rahan ta' ħajja twila u fejjieda, dawn it-tnax-il-sena ta' "Il-Malti" huma wegħda sħiħa mhux biss ta'ward isbaħ u ta' frott ibnen fiż-żmien li ġej, iżda wkoll ta' xi wardiet u xi frottiet ġodda li fil-ġonna tagħna jew għadhom ma dehrux, inkella dehru mbiegħda.

U fraħna wkoll, għaliex wara tnax-il-sena ta' fehmiet tajba, ta' ħidma għalenija u ta' xewqat ta' riżq, il-Għaqda tista' fil-ħaqq u fis-sewwa taħseb u tgħid li waslet fejn għanha kien li tasal.

# DWAL

*E il naufragar m'è dolce in questo mare,*
LEOPARDI

Arani fil-għaxija
nixref mit-tieqa għal barra
inħares waħdi – jew, aħjar, ma' ħbiebi,
il-ħsebijiet, —
lejn id-dwal jgħumu fid-dija;
dwal bojjod miżrugħin ħiemda fil-bliet.

Xi ħlewwa! Xi ġmiel!
Min ifisser xi tħoss qalbi
f'dak il-ħin?

Dawk id-dwal fil-bliet miżrugħa
donnhom sema kwiekeb ieħor
jirgħa fl-art!
Nistħajjilhom ġnien bil-ward
lewn iż-żah'r u l-ġiżimin!

Dawk id-dwal għandhom mill-baħar;
baħar tal-fidda
ibus ix-xtut.

Ħalluni negħreq f'dan il-baħar ħiemed:
u bi dwal il-ġmiel u l-hena
immut.

KARMENU VASSALLO

5—XI—36

# VILLA RUMANA

## (GĦAJN TUFFIEĦA)

Għadek sabiħa, għadek l-għanja ssamma'
Fuq il-ġwienaħ tas-snin, l-għanja ħemdija
Taż-żmien li ħabbat mat-taħbit ta' qalbek,
U ħawwel fik is-siġra tas-sbuħija:
Nafha dik l-għanja mriegħda b'ferħ ta' ħajja
Mill-ġenji mħarsa, wens ta' l-Erwieħ Sewwa,—
Ismagħha rieġgħa minn ġuf il-warrani
Qawwija dik il-ġrajja:
Taħkem hawnekk l-Imħabba kollha ħlewwa
'Ix-xbejbiet bojod tad-dliel twil, kotrani.

Doqq, doqq fuq l-arpa w għanni, xbejba ħelwa,
Fil-waqt li ż-żgħażagħ tiżfen fuq il-qiegħa,
Tħallix il-ħsieb idennes qatt 'il ħarstek
Jew leħnek jitfi: reġgħet ir-rebbiegħa.
Tfajla nissini b'dan id-daqq ferrieħi
Il-mard, l-uġigħ, l-imrar li ħasel ruħi,
Xarrab bil-bews minn ta' l-imħabba tiegħek
Dil-qalb mimlija ġrieħi:
Ħa, ħu sa' r-ruħ li għandi,—dmugħi.
Wennes il-Musa tiegħi,—żommha miegħek.

Irrid, irrid intir f'ħin wieħed fejnek
Bil-ġwienaħ li tagħtini l-Poeżija;
Dieħel: fil-villa daqq u ġmiel u hena,
Villa sabiħa bl-ogħna dawl mogħnija;
Madwari żfin u mirja, mirja, mirja,
Uċuħ imdawla' u fuq kull wiċċ il-ħmura
Tas-saħħa u tax-xbubija: tgħaddi berqa
Ta' ħars ħalliel, u ġirja
Ta' xewqat li triegħed il-qalb u s-sura,
Hekk kif titriegħed ma' l-irjieħ il-werqa.

Il-Qamar, lewn il-fidda, isawwab xmara
Ta' dija mriegħda fuq l-uċuħ ferħana;
Kwiekeb tnejn biss, donnhom ħarsithom jitfgħu
U jaħkmu ż-żifna b'qawwa ta' sultana;

Titla' t-tislima tal-bellus u l-fwieħa
Mill-ġonna msaħħra; togħla 'l fuq mis-sema,
'Il fuq, 'il fuq imsieħba mid-daqq ħlejju,
L-għanja kbira, sabiħa
Tat-tfajliet rumana.—'Mma dik il-ġemgħa
X'riesqa tagħmel 'l hawnekk bil-ward u l-plejju ?

Għaliex dal-ġenn ta' ferħ ? Għaliex da' l-hena
Jiddi fuq il-ħaddejn bħal dawl sebħieni ?
Għaliex dad-daqq ta' tnabar, nies iċapċpu
Rashom bir-rand imżejna, fommhom ħieni ?
Qassis ta' Ruma, twil, musfar, iħabbar
"Ruma rebbieħa, Ruma, l-omm ħanina;
Mid-demm ta' demmkom din ir-rebħa ġejja,
Mad-dinja ġieħna tkabbar."
Tgħajjat bil-ferħ il-ġgajta: l-ilħna rżina
Joħorġu jidwu tax-xbejbiet għannejja.

Xtaqtni, kemm xtaqtni f'dik id-dar imbierka
—Hemm fejn l-imħabba tishar,—ngħannaq miegħi
Is-skiet sabiħ tal-qabar: hemm twennisni
L-għanja li toħroġ kbira minn ġo l-frieghi.
Għalxejn ! ix-xewqa tmut xħin dell ta' dwejjaq
Joqtol il-ħolm, u jien ninġabar fija
Miż-żmien li tar: nies, nies u nies madwari,
Toroq mimlija ħlejjaq,
Tmasħir u qerq, kulħadd b'għira qawwija,
Iġsma bla ruħ: dan li qed nara dwari.

Int, Villa, ma taf xejn minn din il-bidla:
Il-lum int rieqda r-raqda tal-ħenjin,
Toħlom iż-żmien ta' darba meta ż-żgħażagħ
Żeffiena tbaħrdu fik fil-jiem sajfin.
Bħalma l-poëta jqanqal dinja sħiħa
Bil-għana kbir li jinseġ minn ilwienha,
Bħalma x-xemx tqajjem mill-irqad il-ħajja,
Hekk int, Villa sabiħa,
Tixgħel id-dawl taż-żmenijiet ewliena,
U traġġa' f'Malta l-jiem ta' l-isbaħ ġrajja.

Gużè Chetcuti

# Għaliex il-Versi tat-tmienja fil-Poëżija Popolari

Qatt kontu l-Belt nhar Sibt-il-Karnival filgħodu? Mela rajtu dik il-ġliba maskarati bla maskra, b'daqsxejn ta' orkestra magħhom u tfajla żgħira, aktarx liebsa "ta' Malta", jagħmlu dik li jgħidulha "il-Parata".

Il-maskarati, kull wieħed b'għuda f'idu, bħal għasluġ mieles, jagħmlu ċirku, u mad-daqq ta' l-orkestra jibdew iduru nofshom mix-xellug għal-lemin u nofshom bil-maqlub; u kull xħin tnejn minnhom igħaddu biswit xulxin, iħabbtu tliet darbiet għuda ma' għuda, jieqfu nifs, u jerġgħu tliet daqqiet oħra għuda ma' għuda, imbagħad pass u jgħaddu għal sieħeb ieħor: u hekk il-ħaġa tibqa' sejra qatigħ; u intom smajtu l-ħoss ta' l-għudiet sejjer hekk: Ċlikk, ċlikk, ċlikk... Ċlikk, ċlikk, ċlikk... Ċlikk, ċlikk, ċlikk. eċċ.

Issa, jekk intom tistaqsu lil dawk tal-parata, għaliex jagħtu tliet daqqiet u mhux aktar u mhux anqas, ħadd minnhom ma jkun jaf *igħidilkom il-għaliex*; iżda kull wieħed minnhom igħidlek illi mingħajr ma *jifhem* għaliex, *iħoss* illi hekk għandu jsir.

U hekk hu; għaliex din hi ħaġa li tħossha, imma ftit tifhimha.

Il-għadd *tlieta* donnu qiegħed fil-qiegħ tas-sura tal-bniedem, u kont sa ngħid fil-qiegħ tal-ħolqien kollu.

U bħal ma jinsab fil-qiegħ tal-ħwejjeġ l-oħra, il-għadd *tlieta* jinsab fil-qiegħ tal-għana popolari tal-ġnus kollha, u fuq is-sies ta' *tlieta* nbniet l-ewwel damma tal-versi fil-poëżija popolari. Il-vers popolari *par excellence* hu l-vers *tat-tmienja*, u nsibuh fil-għana tal-poplu u fil-poëżija popolari, kont sa ngħid tal-ġnus kollha.

Meta l-poëta amerikan, Longfellow, ried ifisser lin-nies ta' pajjiżu illi l-ħajja tagħhom hi kapital li huma għandhom iħaddmu tajjeb, jaqalgħu minnu l-ġid kollu li jistgħu u ma jitfgħuh qatt taħt riġlejhom, il-poëta, bħallikieku qiegħed jitħaddet magħhom, ħareġ b'dik il-għanja sabiħa li hu sejjaħ "Is-Salm tal-Ħajja" u li kull min jaf xi ftit Ingliż ma jistax ikun li ma qarax bosta drabi :

"Tell me not in mournful numbers
Life is but an empty dream,
That the soul is death that slumbers,
And things are not what they seem. etc.

U l-poëta taljan, Vicenzo Monti, meta sata' jarġa' lejn pajjiżu wara xi snin ta' turrufnament, kif lemaħ, minnfuq il-għoljiet li jifirdu 'l Franza minn l-Italja, il-wileġ, ix-xmajjar, il-bliet u r-rħula li fosthom kien twieled u kiber, ma qagħadx ifittex liema versi jħaddem biex ifisser il-ferħ li dak il-ħin kien iferfirlu lil qalbu, u kif jaqbeż l-ilma minn għajn, qabżulu minn qalbu il-versi:

"Bella Italia, amate sponde,
Pur vi torno a riveder:
Trema in petto e si confonde
L'alma oppressa dal piacer...

U ma tmurx dritt fil-qalb ta' kull min jaqraha l-għanja mbikkija ta' Tommaso Grossi :

Rondinella pellegrina,
Che ti posi sul verone,
Ricantando ogni mattina
Quella flebile canzone,
Che vuoi dirmi in tua favella,
Pellegrina rondinella ?

Il-vers tat-tmienja, għalkemm aktarx bla maħsub tala' mill-qalb u ħareġ mill-pinna ta' Rouget-de-l-Isle fl-innu tal-għaġeb li hu "La Marseillaise":

Alons, enfants, de la patrie,
Le jour de gloire est arrivé...

U l-vers tat-tmienja wkoll ġie waħdu fil-lehma tal-poëta nisrani, Tommaso da Celano, meta, mgħaġġeb u mbażża' mill-kobor waħxi ta' l-Aħħar Ħaqq ta' Alla mill-bniedem, biex jwiddeb u jwissu lil kulħadd għanna :

Dies irae, dies illa;
Solvet saeclum in favilla,
Teste David cum Sybilla...

Bla ma qagħad ifittex ir-rqaqat tal-metru latin, f'siegħa ta' lehma qaddisa li fiha ra l-omm l-aktar tajba u l-aktar sabiħa minfuda bis-sejf tan-niket taħt is-salib ta' binha Ġesù, għanna u kiteb:

Stabat Mater dolorosa
Juxta crucem lacrymosa,
Dum pendebat filius...

U mimli bil-qima u bl-imħabba lejn l-Ewkaristija, bil-versi tat-tmienja wkoll kiteb San Tumas d'Aquino l-isbaħ u l-ogħla innu tad-dinja :

Pange, lingua, gloriosi
Corporis mysterium...

Il-ġens Malti, bħal ġnus oħra, fit-tifsir ta' qalbu,—fl-imħabba u fin-niket,—ma ħaddemx versi oħra għajr dak li minn-awl-id-dinja kien il-metru ta' min jimxi wara qalbu aktar minn wara ħsiebu u għanna :

Meta morna tal-Mellieħa,
Konna wieħed u għoxrin...

U x-xebba tax-xtut għanniet :

Int, ja baħar, li bi ġmielek
Thenni, tgħaġġeb lill-bnedmin,
Grazzja waħda jien nitolbok:
Ma' ħanini kun ħanin.

U t-tifla tar-raba' fetħet qalbha hekk :

Jiena xbejba kampanjola,
U ħanini gabillott ;
Jiena nħawwel, huwa jsaqqi,
U s-siġàr dejjem bil-frott.

Iżda mhux anqas mill-għannejja li qatt ma għarfu regula ta' poeżija u għannew kif l-għanja ħarġet minnqalbhom ħass il-ħtieġa tal-vers tat-tmienja il poëta Malti, il-Prof. Gio. Antonio Vassallo, meta ried igħanni qalbu lil Malta li hu

kien iħobb b'saħħitu kollha, u kiteb dawk il-versi li sal-lum għadhom jinsemgħu fuq il-fomm ta' kullħadd:

Int sabiħa, o Malta tiegħi,
Mhux għax malti nfaħħrek jien:
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien... eċċ.

*

Issa: għaliex kull min irid igħanni għanja *għal kullħadd*, għanja popolari, iħoss li għandu jgħanniha fil-versi tat-tmienja?

Jiena ma nafx jekk ħaddieħor qattx għamel lilu n-nifsu din il-mistoqsija u jekk bil-ħsieb u bl-osservazzjoni satax isib xi tweġiba. Jiena għamiltha lili n-nifsi din il-mistoqsija u wara ħafna fili u ħsieb naħseb li nista' nagħti tweġiba.

Jekk tħarsu bir-reqqa intom tintebħu illi l-vers tat-tmienja hu magħmul minn żewġ versi ta' l-erbgħa, u, kont sa ngħid, jista' jinqasam u jinkiteb hekk:

(Malti)

Meta morna
Tal-Mellieħa,
Konna wieħed
U għoxrin eċċ. eċċ...

(Taljan)

Rondinella
Pellegrina,
Che ti posi
Sul verone, eċċ.

(Ingliż)

Tell me not in
Mournful numbers
Life is but an
Empty dream, eċċ...

U intom tintebħu wkoll li kull taqsima ta' erbgħa għandha l-ewwel tliet sillabi b'leħen qawwi u mimli, fil-waqt illi s-sillaba ta' l-aħħar għandha leħen dgħajjef, xipli, biex ingħid hekk, ħoffief, u sservi bħala nifs ta'mistrieħ, qabel taqbad it-taqsima l-oħra; tant hu hekk illi dik is-sillaba tista' tinqata' bla ma ttellef xejn id-daqq ta' dak il-vers u tal-versi l-oħra.

Mela l-vers tat-tmienja ma hux ħaġa oħra ħlief iċ-Ċlikk,

ċlikk, ċlikk... ċlikk, ċlikk, ċlikk... tal-parata, b'daqsxejn ta' waqfa wara kull tlieta taħbitiet:

Me-ta mòrn ..a
Tal-Mel-lieħ...a,
Kon-na wieħ...ed
U għox-rìn.

Imma, jistaqsi xi ħadd hawnhekk: għaliex mela ma ingaħżelx il-vers ta' l-erbgħa?

Nerġgħu għall-maskarati tal-parata. Bħal ma għidna filbidu kull żewġ maskarati li jgħaddu biswit xulxin iħabbtu tliet darbiet il-għudiet tagħhom ma' xulxin, u, wara nifs, iħabbtu tliet darbiet oħra, b'kollox sitt taħbitiet, u ma jgħaddux għal sieħeb ieħor qabel is-sitt taħbitiet. Għaliex?

Il-għaliex ta' dan hi dik il-ħaġa moħbija fil-qiegħ tassura tal-bniedem u naħseb li qatt ma jkun jafha maħluq: iżda l-maskarati *jħossu* li ma għandhomx igħaddu minn wieħed għall'ieħor qabel żewġ taħbitiet ta' tlieta u nifs wara kull waħda, hekk il-għannej u l-poëta li riedu jmorru mix-xejra ta' qalbhom, għażlu bla ma ħasbu u bla ma għarfu il-għaliex, il-vers tat-tmienja, li fih sewwa sewwa żewġ għaqdiet ta' tliet sillabi 'l waħda, b'sillaba tal-mistrieħ wara kull għaqda.

DUN KARM

# Jum l-Armistizju, 1936 *

Ġiebet darb'oħra r-rota tas-sena mad-dawra meqjusa
da' l-Jum tat-Tifkiriet !
neħħa l-istar darb'oħra ħusbien minfuq wiċċu l-Imgħoddi:
fejn issa hemm Djar l-Imwiet
l-għajnejn tal-moħħ, minflokhom, jaraw it-taqbid li nissilhom,
tal-Gwerra kollha d-Debħa,
sakemm minn xfar l-għajnejn mitbuqa, għalkemm bosta
id-dmugħ johroġ bir-rebħa. (mrażżna.
F'din l-Art li m'hi ta' Ħadd, nistħajlu darb'oħra trinċieri,
sparar, duħħan, tiġrib;
darb'oħra haw' qegħdin aħna, bla kelma, bil-ġieħ ta' kull sena,
'mma—s-Sliem mhux iżjed qrib.

DUN KARM.

11th November, 1936
10. 11 a.m.

# Armistice Day, 1936

*Once more the cycle of the year, revolving, brings*
*This Day af Memories !*
*Once more the veil, back from her face, the sad Past flings:*
*Where now are Cemeteries*
*The mind's eye sees, instead, the scenes that made them such,*
*—Sees all War's Holocaust—*
*Until through close-pressed lids,—be they however much*
*Held back – the tears are forced !*
*Once more we glimpse those deep-dug trenches, No-Man's Land,*
*Cannon - smoke, barbed wire !*
*Once more in yearly, silent homage, here we stand:*
*Yet, — Peace comes no nigher !*

MAY BUTCHER.

---

* Dawn il-versi qlibthom fil-Malti mill-Ingliż ta' Miss May Butcher, miġjubin hawn wkoll u li dehru fid-"Daily Malta Chronicle" tal-11 ta' Novembru li għadda.

Qlibthom fil-Malti, għax għoġbuni, u għoġbuni, għax deherli li f'inkwatru ċkejken jiġbru l-qagħda bla sliem ta' l-Ewropa, u kont sa ngħid, tad-dinja tal-lum.

Dehru f'"Il-Malti" bil-permess u bil-pjaċir ta' Miss Butcher.

# L-Iskrapan Maltin

# fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta

F'dana l-Qari, xi ħames snin ilu, konna ġibna kitba fuq is-Sengħa ta' l-Iskrapan Maltin fl-ewwel snin tal-Ħakma Ingliża f'Malta. Wara, iltqajna ma' bosta tagħrif ieħor li jissokta jagħti dawl aktar dwar kif kienet il-qagħda ta' dina s-Sengħa fiż żmien li semmejna. Ma' dan, ksibna wkoll kotra ta' tagħrif ieħor dwar xi Snajja oħra Iżda l-lum, biex ma ntawlux, sa nġibu biss ma' dak li ntqajna dwar is-Sengħa ta' l-Iskrapan.

---

Bħalma konna għedna, is-Snajja' dari kellhom il-Konslijiet tagħhom, kull Sengħa bil-Konslu għaliha.

L-isem ta' Konslu tas-Sengħa, barra milli kien ta' ġieħ għal min jiksbu, kien ta' qligħ ukoll għal dak li jkun. F'kull ħaġa li tinqala', dwar is-Sengħa tiegħu, kien jiġi msejjaħ il-Konslu biex jaqta' t-tilwim hu. Ukoll talli wieħed kien jagħmel l-eżami għandu, biex isir Imgħallem, kien jieħu xi ħaġa ta' idejh.

Fi żmien il-Franċiżi, dawn l-Għaqdiet tas-Snajja' taħt il-ħarsien ta' xi Qaddis, tista' tgħid, kienu sfaw fix-xejn. Iżda mal-qawma tal-Maltin għall-Franċiżi, u l-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta, reġgħu bdew jieħdu r-ruħ u jqumu fuq tagħhom.

L-ewwel Konslu ta' l-Iskrapar li sibna msemmi fi żmien l-Ingliżi, kien jismu Salvu Danza. Dan baqa' jagħmilha ta' Konslu għal bosta snin. Biex konslu jiġi magħruf mill-Gvern, ħalli jkun jista' jaqdi dmiru fis-Sengħa tiegħu, qabel kien irid jitlob il-Gvernatur iwettqu f'dina l-ħatra. Għalhekk Danza għamel talba lill-Gvernatur. Fiha qal li fil-25 ta' Ottubru, 1801, saret Konsulta mill-Imgħallmin Skrapan tal-Belt. F'din il-Konsulta, sħabu ħatruh b'Konslu tagħhom b'dawk is-setgħat u qligħ li mdorrija jaqilgħu l-Konslijiet ta' l-Iskrapan. Ma' dawn hi magħduda wkoll is-setgħa li jista' jieħu skud minn għand kull wieħed li jrid jagħmel l-eżami biex jgħaddi u jsir Imgħallem Skarpan. Dan l-iskud kien jieħdu tax-xogħol li jkollu f'dil-biċċa ta' l-eżami. Għalhekk talab lill-Gvernatur biex iwettqu f'dil-ħedma ta' Konslu, bis-setgħat u l-qligħ li semma, kif hekk ġie maqtugħ fil-Konsulta li saret.

Il-Gvernatur bagħat it-talba ta' Danza lill-Imħallef tal-Kriminal, biex il-Qorti tgħid tagħha.

Wara li l-Qorti tkixxfet dwar kif saret il-ħatra ta' Danza, għarrfet lill-Gvernatur, li l-għażla tiegħu ġiet magħmula sewwa minn sħabu l-Iskrapan. Li skud li semma Danza, ma kienx xi ħaġa ġdida, għaliex daqshekk dejjem ħadu ta' idejhom il-Konslijiet ta' l-iskrapan f'kull eżami li sar għandhom. Għalhekk hi ma kellha xi tgħid xejn fih, li jista' jfixkel il-għażla tiegħu.

Meta wieħed tas-Sengħa dari kien jitlob biex, minn ħaddiem, isir Imgħallem fl-ibliet, il-Qorti tal-Belt kienet tistaqsi wkoll lill-Gran Viskont (1) biex tara jekk dana għandux xi jgħid xi ħaġa fuqu.

Il-Gvernatur, wara li sama' x'qalet il-Qorti, wettaq il-ħatra ta' Danza bħala Konslu ta' l-Iskrapan. U saħħaħ ukoll is-setgħat u l-qligħ li tawh sħabu fil-Konsulta li sem-mejna.

Bħalma s-Snajja fl-ibliet kellhom il-Fratellanzi tagħhom, hekk ukoll fir-Rabat ta' l-Imdina kien hemm il-Fratellanzi ta' xi wħud minnhom. Fost dawn is-Snajja', fir-Rabat ta' l-Imdina, kien hemm waħda ta' l-Iskrapan, taħt il-ħarsien ta' San Krispin u Krispinjanu. Din kienet għaliha u ma kellhiex x'taqsam mal-Fratellanza l-oħra ta' l-Iskrapan fl-ibliet, għalkemm din ta' l-aħħar kienet ukoll taħt il-ħarsien tal-Qaddisin li semmejna. Tar-Rabat kienet tiġbor ukoll magħha l-Iskrapan li kien hemm fl-Imdina u fl-irħula.

Dawk li kienu jridu jsiru Mgħallmin Skrapan fir-Rabat, jew fl-Imdina, inkella fl-irħula, kien jieħu ħsieb ta' din il-biċċa l-Imħallef tal-Kriminal tal-Qorti ta' l-Imdina (2)

Meta t-talba ta' dak li jkun irid jilħaq Imgħallem, tiġi milqugħa, dan jiġi mibgħut għand il-Konslu tar-rħula biex jagħmel l-eżami. Wara li l-Konslu jgħaddih, il-Qorti tistaqsi għalih lill-Logutenent ta' fejn ikun irid jiftaħ ħanut dak li jixtieq isir Imgħallem. Imbagħad tgħarraf b'kollox lill-Gvernatur. Meta l-Qorti ta' l-Imdina tgħid li hu kollox sew, il-Gvernatur jagħtih is-setgħa li jkun semma fit-talba tiegħu.

Fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, il-waħdani li sibna msemmi bħala Konslu ta' l-Iskrapan fl-irħula, kien jismu

---

(1) Il-Gran Viskont kien il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dari fl-ibliet.

(2) Fil-bidu ta' l-Ingliżi f'Malta, Gżiritna kienet magħmula minn żewġ Taqsimiet, bħalma hekk ukoll kienet fi żmien l-Ordni. Kull Taqsima kellha l-Qorti tagħha. Għalhekk kien hawn il-Qorti ta' l-Imdina u l-oħra ta' l-Ibliet. Kull waħda minn dawn kellha s-setgħa li tista' tagħti l-mewt ukoll. F'Għawdex kien hemm Qorti oħra għal dik il-Gżira, bis-setgħat kollha bħat-tnejn ta' Malta.

Salvu Darmanin. Dan Salvu, fl-1803, talab lill-Gvernatur biex jerġa' jwettaq mill-ġdid is-setgħa li l-Gran Mastru Vilhena kien ġedded lill-Fratellanza tar-Rabat fl-1735.

Is-setgħa li semmejna, kienu talbu għaliha Ġanpatist Darmanin u Marozz Buhagiar fl-1735. Fit-talba li dawn għamlu, qalu li huma kienu l-Prokuraturi ta' l-Altar ta' San Krispin u San Krispinjanu li jinsab fil-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat. Dan l-Altar ma kellux flus biżżejjed imħollija għalih biex ikunu jistgħu jżommuh sewwa. Għalhekk kienet drawwa, li l-Iskrapan kollha tar-Rabat u ta' l-Imdina jħallsu rbgħajjejn fis-sena għall-għajnuna ta' dana l-Altar u b'ġieħ San Krispin u San Krispinjanu. Barra minn hekk, qabel ma tiġi mogħtija s-setgħa biex isiru Mgħallmin Skrapan, kienu jħallsu skud li jmur ukoll għal dan l-Altar. Iżda minn xi żmien, imħabba l-ħtija ta' nuqqas ta' ħsieb mill-prokuraturi ta' qabel l-Iskrapan ma baqgħux iwettqu din id-drawwa. Għalhekk xtaqu li 'l-quddiem ħadd ma jista' jaħdem aktar bħala imgħallem Skrapar fl-irħula jekk qabel ma jiġix imgħoddi minn Ġanpatist Darmanin u mill-Konslijiet l-oħra li għad isiru warajh. Terġa dawn, malli jsiru Mgħallmin, għandhom iħallsu wkoll l-iskud ta' darba u wara l-irbgħajjejn ta' kull sena, fil-btala ta' l-imsemmija Qaddisin, biex jinżamm dan l-Altar tagħhom.

Il-Gran Mastru Vilhena kien laqa' t-talba li għamlu Ġanpatist Darmanin u Marozz Buhagiar fl-1735, billi ġagħal li hekk għandu jibda jsir. U bħal Gran Mastru, hekk ukoll għamel il-Gvernatur Ball, fis-17 ta' Novembru, 1803, meta ġie mitlub minn Salvu Darmanin biex iwettaq mill-ġdid, lill-Fratellanza tar-Rabat, is-setgħa li semmejna.

Biex l-għajxien tan-nies tas-Snajja' ta' dari jkun imħares minn kull tfixkil, il-Liġijiet ma kienux iħallu li nies barranin jagħmluha ta' Mgħallmin hawn, billi jiftħu ħanut u jaħdmu għal rashom. B'dana kollu, il-Gvernatur gie li kien jagħti lil xi barrani biex jaħdem għal rasu wkoll. Iżda dan kien jiġri, meta l-biċċa tinzerta xi ħaġa mhix tas-soltu bħalma kienet din li sa nsemmu.

Fl-1802, Ġużè Couppita bagħat talba lill-Gvernatur u fiha qal li minn ma' dwar sentejn 'il hawn ħadem ta' skarpan taħt it-tmexxija ta' l-Imgħallem tiegħu li kien Sqalli. U minn sitt xhur 'l hawn iżżewweġ lil waħda Maltija, jisimha Gejta Rinaldo. Dan l-aħħar, billi l-Imgħallem tiegħu telaq minn hawn, ried li jibqa' jissokta jaħdem taħt it-tmexxija ta' Imgħallmin oħra Maltin, iżda dawn intgħaq-

qdu flimkien u ftiehmu bejniethom biex ma jħaddmuhx magħhom. Mhux dan biss, ma l-anqas riedu li jħalluh jaħdem fis-Sengħa tiegħu. Fuq dina l-biċċa, billi hu kien fqir u għandu l-mara tqila, jinsab f'taħwida kbira. Għalhekk talab biex il-Gvernatur ikollu ħniena minnu, billi jagħtih is-setgħa li jista' jaħdem għalih fis-Sengħa tiegħu.

Il-Gvernatur, fis-7 ta' Diċembru, 1802, ġagħal lill-Qorti ta' l-ibliet biex tara dina l-biċċa kif inhi u tagħti l-fehma tagħha fuqha.

Il-Qorti, wara li ġabret it-tagħrif li kienet tinħtieġ, qalet lill-Gvernatur li Couppita huwa Sqalli, miżżewweġ Maltija. Fiż-żmien li kien ilu f'Malta, ħadem ta' skarpar f'ħanut. Dan il-ħanut, għalkemm kien miftuħ u miżmum taħt l-isem ta' Mgħallem Skarpan Malti, kien immexxi f'kollox minn l-Isqalli Baskal Facciolà. (1) Iżda, billi dana Facciolà telaq mill-Gżira, Ġużê Couppita ġie mibgħut minn fuq ix-xogħol. Għal dina l-biċċa, biex Ġużê jissokta jaqla l-għajxien tiegħu, mar jittallab ix-xogħol lil xi wħud mill-Imgħallmin Skrapan Maltin. Iżda l-ebda wieħed minn dawn ma riedu miegħu. Wara dan, Ġużê kellu jaqa' fuq l-Imħallef tal-Kriminal biex jara jidħolx għalih hu. L-Imħallef sejjaħ lill-Konslu ta' l-Iskrapan, u talbu biex iħaddmu miegħu, jew iqabbdu ma' xi Mgħallem ieħor. Iżda dan kien kollu għal ta' xejn, għax ħadd ma riedu miegħu. Minn hekk jidher, li Ġużê għamel ħiltu kollha biex jfittex u jikseb ix-xogħol ħalli jidħol ma' Skarpan bħala ħaddiem. Imma, meta Ġużê qata' qalbu minn kull tama ta' xogħol, waqa' biex jitlob is-setgħa ħalli jkun jista' jaħdem għal rasu.

Meta l-Qorti staqsiet lill-Gran Viskont għal Couppita, dan qal, li fiż-żmien li Ġużê għammar f'Malta, ma nstema qatt xejn fuqu. Lanqas hu (il-Gran Viskont) ma kellu xi igħid xejn għalih. Għalhekk, it-talba tiegħu tistħoqq li wieħed jieħu ħsiebha. B'dana kollu, wieħed ma għandux lanqas ifixkel il-jeddijiet ta' l-Imgħallmin Skrapan Maltin. Imħabba f'hekk l-Imħallef tal-Kriminal kien tal-fehma, li lil Couppita jagħtuh biss is-setgħa li jżomm mejda żgħira fit-trieq, qrib id-dar tiegħu, u hemm ikun jista' jaħdem ta' Skarpan għal dak iż-żmien kollu li jkun irid il-Gvernatur.

Għalkemm il-Qorti kienet tal-fehma li jagħtuh is-setgħa kollha li semmejna, il-Gvernatur żamm aktar lejn

---

(1) Minn irid ikun jaf kemm dana Facciolà ħabbat lill-Iskrapar Maltin, fiż-żmenijiet li qegħdin insemmu, jaqra "Il-Malti" ta' Settembru u Diċembru, 1931 u ta' Jannar, 1932.

l-Imgħallmin Skrapan Maltin, u, biex ma jnaffarhomx, naqqas minnha. Il-Gvernatur Ball qata', fl-4 ta' Jannar 1803,li Couppita jista' jaħdem biss ta' Skarpan f'daru, bla ma jżomm xejn mejda fit-trieq.

L-Iskrapan Maltin imxew hekk ma' Ġużê Couppita, imħabba li dan kien wieħed minn dawk li Facciolà nqeda bihom, fil-ġlieda li kellu magħhom, biex ifixkilhom fis-Sengħa tagħhom u jeħdilhom ħobżhom. Għal dina l-biċċa ta' Facciolà, il-Maltin kienu qamu fuq tagħhom u ħaqquha miegħu għas-sħiħ, biex iħarsu l-jeddijiet li kellhom. Meta Facciolà ra li ma seta' jagħmel xejn magħhom, kellu jaqbad it-trieq it-twila u jbewweġ minn hawn. U għalhekk naħsbu li x'aktarx il-Maltin għamlu hekk ukoll lil Couppita bil-ħsieb li jħajruħ jagħmel bħal sieħbu, li jitlaq ukoll u josfor minn hawn.

Iżda, meta ġie li ġew hawn barranin bla ma fittxew li jagħmlu ħsara lin-nies tas-Snajja', il-Maltin ma ħaqquhiex magħhom, u l-Gvern tahom dak li talbu. U dan ġara kemm-il-darba, bħalma sa naraw.

F'Ġunju ta' l-1805 ħareġ bandu. Fost ħwejjeġ oħra, kien fih dwar il-qagħda tal-barranin hawn. Dawn kellhom jerġgħu jitolbu s-setgħa mill-ġdid, biex il-Gvern iħallihom jibqgħu joqogħdu f'Malta. Minn ħafna talbiet ta' dawn li ġew f'idejna, sibna li xi wħud minnhom kienu jaħdmu hawn fis-Sengħa tagħhom. Fost dawn iltqajna ma' żewġ talbiet ta' Skrapan li kienu ilhom ħafna f'Malta, bla ħadd qatt ma kellimhom.

Waħda minn dawn it-talbiet li saru lill-Gvern fl-1805, kienet ta' wieħed Kalabriż, jismu Duminku Grandolina. Dana qal, li kien ilu 42 sena f'Malta. Fl-1763 tawh is-setgħa li jista' jiftaħ ħanut u fih jaħdem ta' Skarpan. Wara, fl-1780, ġiet miżjuda lilu setgħa aktar ma' li kellu: tawh li fil-ħanut tiegħu jista' jixtri u jbigħ dawk il-ħwejjeġ kollha li jaqblu għalih, u l-mara tiegħu, li kien ħadha minn hawn Malta, tkun tista' tagħtih daqqa ta' id ukoll f'dina l-biċċa. Għalhekk din is-sena wkoll, talab, biex isir sudditu ingliż.

Il-Gvernatur Ball laqa' t-talba tiegħu, u tah li ried.

It-talba l-oħra kienet ta' Ġużê, Salvu u Bastjan, aħwa Massa, tfal tal-mejjet Nazju. Dawn qalu li fl-1764 missierhom Nazju qala', minn għand il-Gvern ta' l-Ordni, li jista' jiftaħ ħanut tas-Sengħa ta' Skarpan. Wara, b'reskritt ieħor tal-1785, il-Gvern tah il-grazzja li jista' jibqa'

ħawn fl-imkien ma' niesu. Fl-1801, il-Gvern ta' s-setgħa lil Bastjan biex ikun jista' jiftaħ ħanut ta' Skarpan u jaħdem fis-Sengħa tiegħu, Fl-1803 Ġużè qala' li jista' jżomm ħanut tal-qtigħ ix-xagħar u t-tqaxxir tal-leħja, barra milli fih jista' jbigħ ukoll ħwejjeġ ta' l-ikel. Salvu kien jaħdem ta' Skarpar ma' Bastjan. B'hekk kienu qegħdin jaqilgħu l-għajxien tagħhom u ta' nieshom bis-sewwa. Iżda, ımħabba l-Bandu li ħareġ fuq il-barranin f'Malta, biex joqogħdu għall-amar tal-Gvernatur, huma resqu jinkitbu wkoll il-Qorti ħalli ma jiġu fl-ebda tfixkil. Għalhekk, billi jridu jissuktaw il-qagħda tagħhom hawn, talbu li jsiru sudditi ingliżi.

It-talba ta' l-aħwa Massa ġiet mibgħuta lill-Imħallef tal-Kriminal, biex il-Qorti tgħid tagħha. Din qalet li l-President tal-Qorti u l-Prefett tal-Pulizija ma sabu xi jgħidu xejn fuqhom. Lanqas il-Qorti ma għandha xi tgemgem minnhom. Is-setgħa li fi żmien l-Ordni ġiet mogħtija lil Nazju Massa, għalih u għal niesu, biex jibqgħu f'Malta, tgħodd ukoll għat-tlitt itfal tiegħu. Terġa', dik is-setgħa li għandhom, li jistgħu jżommu ħanut, tfisser xorta waħda bħalli kieku tawhom is-setgħa li jistgħu joqogħdu hawn. Fuq hekk il-Qorti hi tal-fehma, li dawn jistgħu jibqgħu hawn sakemm ikun irid il-Gvernatur.

Il-Gvernatur sama' milli qalet il-Qorti, u tahom kif qalet hi.

Minn dan li għedna, naraw, li meta kienu jiġu hawn xi barranin bla ma jfixxtu li jagħmlu deni lill-Maltin fis-Snajja' tagħhom, niesna ma kienu jfixkluhom xejn f'dak li jitolbu. Tassew li l-Liġijiet ta' dak iż-żmien ma kinux iħallu lill-barranin jiftħu ħwienet hawn, iżda, meta l-Gvern jara li l-Maltin ma qalu xejn għalihom, bosta drabi kien jagħtihom li jridu, bħalma rajna miż-żewġ talbiet li ġibna.

Ġużè Ċatt.

# Ġejja x-Xita (1)

GĦANJA FUQ IL-FEHMIET POPOLARI TA' DARI

Meta maltempata kbira
Riesqa tkun għal fuqna u ġejja,
Tlitt ijiem juġgħuni qabel,
Genbi, wrieki w irkobtejja.

Ir-raħħala, in-ngħaġ tagħha
Tmur biex taħleb u x'issib
Borża mkemmxa ġeww' idejha
F'daqqa nixfet mill-ħalib!

Ngħas tqil ġieni—xejn ma dari
U ma tgħidx dal-lejl ishart...
Waqt li l-kelb kont qiegħed nara
Żaqqu 'l fuq jitkagħbar fl-art.

Fil-għaxija xħin ġox-xefaq
Is-sultana tgħib u tnin
Jibda jberraq u jerġa' l-għada
Zewġt iljieli fuq xulxin.

Għelm illi l-imfietaħ l-ajru
Mingħajr qies qegħdin jarmaw,
Magħfusin minn sħabiet ħorox
Daqqa 'l hemm u l-oħra 'l haw'

Ġejja x-xita—l-għelq li xħetna
Ġewwa l-kus f'erbat iswaba'
Ilma, nieżel lejn il-qiegħ
Dalwaqt tara d-dinja sħaba!

Ilu l-qamar żewġt iljieli
Donnu felli tad-dulliegħ
Wieqaf wieqaf: iħabbrilna
Li l-maltemp qiegħed isieħ.

(1) Fl-aħħar ħarġa fil-Poeżija tas-sur R. M. B. *Mill-mewt għall-ħajja* fit-tieni vers ta' l-ewwel strofa, il-kelma *ntiret* trid tiġi *ntfiet*.

Meta joqrob ta' l-Użarju
Minn ġol-artijiet tas-sħana
Stenna tiġi miġja wrieżaq
Tarma twerżaq fuq l-art tagħna.

Kemm-il-darba jagħmel difa;
Għax għalihom dan trabokk!
Arah ġej bħal sħab imċarrat
'L hawn minn Nofs-in-Nhar sax-Xlokk.

Ġejja x-xita... qed iberraq
Lejn il-Lbiċ imil nofs riħ,
Awl-il-lejl jien rajt il-kwiekeb
Tinfed l-ajru w-iddub fih!

Ma jdumx, għedt, ir-riħ ma jonfoħ
Mnejn il-kwiekeb ġibdu u ġrew;
Għax mas-sebħ rajt il-qattusa
'L hemmhekk tħares sebħet sew,

Tobrox tħarbex—tobrox tħarbex...
U dufrejha ssinn w-issinn
U titkagħbar donnha ħmara
Daqqa 'l hawn u daqqa 'l hinn!

Bnazzi żejt—iżda l-imħalel
Riekba fuq xulxin ikissru
F'xatt il-baħar: maltempata
Jew uragan kbir ifissru!

* * *

Kanġu l-baħri—"dawna ftietaq
Kont nitlaqhom jien fil-ġenb"
Dawna qalli, "għax il-baħar
Hu li jikxef il-maltemp";

Qal: "Niftakar l-ewwel darba
Meta Tunes jien kont mort
Tal-maltemp sinjali rajna
Hekkif ħriġna minn ġol-Port.

Fuq il-gverta konna qiegħda—
S'issa l-baħar bnazzi żejt—
Wieħed-wieħed resqin lejna
Ħafna dniefel nara bdejt.

Bdew jitliegħbu, l-ilma jtajru
Rashom minn wiċċ l-ilma jtellgħu
Fuq xulxin ukoll jinxteħtu
Jien stħajjilthom qed jitbellhu.

Baħri xwejjaħ ħares lejhom:
Dak, qalilna, taf x'jinsiħ?
Dak ifisser illi barra
Hemm il-baħar jidres sħiħ!

R. M. B.

## L-ANNIMALI U L-EGĦDEWWA TAGĦHOM

Fil-għadd tal-"Malti" ta' Settembru ta' dis-sena, is-Sur S. kiteb artiklu milqut tajjeb fuq l-annimali u l-egħdewwa tagħhom, iżda qabżitlu xi ħaġa ta' min isemmiha.

L-ewwel nett, kif il-klamar jilqa' ruħu mill-egħdewwa tiegħu?—Kulħadd jaf li dan l-annimal għandu ġewwa fih bħal borża mimlija linka sewda daqs id-dlam. Għalfejn isservih? — Ngħidilkom malajr. Malli l-klamar isib ruħu mdawwar mill-egħdewwa x'jagħmel? Dlonk jitfa' l-linka u l-baħar ta' madwaru jiddardar u jsir iswed u l-klamar ma jidhirx iżjed, għax ħafif daqs vleġġa, jaħrab u jgħib. Din hi li Alla l-Imbierek tah biex isalva ħajtu.

It-tieni hemm il-porkuspin Ma nafx jekk qattx rajtu xi wieħed minn dawn l-annimali. Fuq ġismu kollu jġib, bħall-qanfud, pinen twal, bejn wieħed u ieħor, nofs xiber. Malli xi ħadd jersaq lejh jitfagħlu waħda minn dawk il-pinen perikulużi ferm u jferih. Alla jħares tiġi f'għajnejh għax tagħmih għal kollox.

Darba jien rajt wieħed f'ġaġġa,Ħal-Lija, f'Villa ta' wieħed sinjur. Malli lemaħni u rsaqt lejh, is-sinjur widdibni biex nitbiegħed għax qalli li qiegħed f'periklu kbir, u hekk kien, il-għaliex malli l-annimal lemaħni beda jfajjar minn dawk il-pinen u li ma tbegħidniex konna nispiċċaw ħażin: waħda mill-pinen irfajtha u għadha għandi bħala tifkira.

C. M. D. C.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

(*Jorbot mal-Għadd ta' Settembru paġ. 99*)

Għalhekk, ukoll, hu fettex li jagħżel bejn tifsir u ieħor, ħaġa li sa dak iż-żmien kull minn kien jaħdem dizzjunarju ma kienx iqisha. Kull tifsira ta' kelma, meta din ikollha iżjed minn tifsira waħda, immarkaha u taha waħda wara l-oħra skond il-grad tagħha, taħt in-Nri II, III, IV,V, VI, eċċ., wara t-tifsira ewlenija, li ħajja jew mejta, f'fomm il-Maltin, hija dejjem mogħtija skond is-*sens* tagħha *proprju*, u għalhekk jimmarkaha bl-ittri *pp.*, jiġifieri *proprie.* Is-*sens* jew tifsir ta' kelma Vassalli qagħad jiflih u jfittxu f'qiegħ il-lsien, u xi mindaqqiet bil-għajnuna u taqbil ma' ilsna oħra. Ta' xi kliem, u ta' bosta minnhom huwa jagħti n-nisel fl-aħħar tal-kelma u dawna jimmarkahom bil-kliem imqassar ta' *Vid. App. Etym.*

Kif konna fissirna qabel id-dizzjunarju ma tqassamx skond l-ewwel ħsieb ta' Vassalli u kif hu kien wiegħed fil-manifest maħruġ minnu fil-1792. Id-dizzjunarju kien sa jkun imqassam fi tliet bċejjeċ li jidħlu f'żewġ volumi iżgħar mil-Lexicon li ħareġ fl-1796. Biex għaqqad kollox fi ktieb wieħed, Vassalli kellu jimmarka fil-marġni taż-żewġ kolonni tal-paġna l-kelmiet maltin b'ittri korsivi skond l-alfabet sabiex igħinu lill-qarrej isib it-tifsira tal-kelma fl-indiċi latin u taljan. Hekk flok iż-żewġ taqsimiet (*tomi*) latin-malti u taljan-malti, Vassalli kellu l-ħsieb joħroġ żewġ indiċi bil-latin u taljan f'volum ieħor. Qabel, iżda, ma joħroġ dawn iż-żewġ indiċi, Vassalli kellu l-ħsieb iżid Suppliment ta' xi kliem Malti li ma jkunx daħal fid-dizzjunarju malti-latin-taljan, u li flimkien ma' l-Appendiċi Etimoloġika u maż-żewġ indiċi li semmejna jiffurmaw it-tieni volum, iktarx ftit inqas mid-dizjunarju.

Il-fehma ta' Vassalli biex jagħmel dan id-dizzjunarju jfissirha fi-aħħar tal-Prefazzjoni jew Diskors Preliminari.

Ix-xogħol tad-dizzjunarju kollu jgħaqqad iż-żewġ xogħlijiet ta' qabel li fuqhom kollha jitla' l-bini l-kbir tal-kitba Maltija. Fuq il-prinċipji ta' Ortografija u Grammatka sħiħa, flimkien ma' dan id-dizzjunarju, il-lsien Malti kellu jitrabba, jixxerred u jseħħ. Aħna ma nistgħux ngħidu li l-ħsieb ta' Vassalli seħħ f'kollox; bil-maqlub għandna ngħidu illi miet, tista' tgħid, malli twieled. Għal dawra ta' 90 sena fuq ix-xogħol ta' Vassalli, il-prinċipji grammatikali, tista' tgħid, li

ħadd ma mexa fuqhom. Il-fasla ġdida ta' l-alfabet kienet l-ewwelnett il-kaġun li fixklu u qatlu s-sistema u riedu jgħaddu mitt sena u fuqhom biex il-lsien Malti jibda jinkiteb, mhux le fuq l-alfabet ta' Vassalli, (għallanqas fuq dak tal-grammatka tiegħu tal-1827) iżda fuq ir-reguli talmorfoloġija tiegħu.

Barra minn dak li hu tagħlim ta' grammatka, sabiex ilkitba tal-Malti titmexxa 'l quddiem huwa fl-aħħarnett iwissi li jinkitbu xogħlijiet *originali* u biex isiru traduzzjonijiet magħmulin kelma b'kelma minn fuq il-kitba ta' ilsna oħra. "Il-lsien Malti", igħid hu, "ma jistax jitqabbel max-xeħta ta' ilsna moderni; iktarx li tista' taqalbu f'oħra jew l-iktar taqilbu skond ix-xeħta ta' lsien qadim orjentali. Fuq kollox il-Poeżija tgħin ħafna biex tmexxih il quddiem".

Iżda biex ma jkun ħalla xejn, u jitwettaq il-pjan li kellu f'rasu għar-risq tal-lsien Malti, huwa jwissi illi:

a) jitbiddel is-sistema tat-tagħlim li kien hemm iseħħ fi żmienu u l-istudji jinbdew mit-tagħlim tal-lsien Malti;

b) jinfetħu, għalhekk, ma' Malta u Għawdex Skejjel pubbliċi fejn it-tfal jitgħallmu jaqraw u jiktbu l-lsien Malti u mal-Malti jitgħallmu wkoll l-Aritmetka u d-Dutrina Nisranija u b'hekk il quddiem ikunu jistgħu jitgħallmu l-Latin u t-Taljan, kif ukoll ix-xjenzi bil-għajnuna ta' l-istess ilsien Malti;

ċ) dawn l-iskejjel isiru fil-knejjes żgħar u n-nefqa għal dan it-tagħlim tinġabar minn *Kaxxa Pubblika* li titqiegħed f'kull pajjiż jew minn xi benefizzju tal-Knisja li jiġi jiswa inqas minn erbgħa fil-mija tal-beni tal-Knisja.

L-ittri ta' l-alfabet li taħthom jidħol il-kliem huma mqassmin fuq dawk ta' l-Alfabett imfassal minnu fl-1790. (Ara *Alfabet Malti mfysser byl-Malti u bit-Taljan 1790*). Il-kliem imnissel mit-Taljan-Sqalli eċċ. hu immarkat bis-salib bħala barrani. Bħalma fisser fil-Grammatka, l-ittra tal-ġerżuma *għajn* qassamha fi tnejn, il-*għ* fi kliem bħal *għatas*, *għatar*, u l-*għ* iżjed qawwija bħal fil-kelmiet: *għadab*, *għajb*, *għajjur* u oħrajn; hekk ukoll għażel bejn l-*ħ* fil-kelmiet *ħut*, *ħsieb* u *ħ* iżjed qawwija fil-kelmiet *ħabat*, *ħatab*, *ħatar*.

Id-dizzjunarju bħala l-ewwel wieħed, wara l-manuskritt ta' De Soldanis, huwa midmum mill-aħjar u fih, tista' tgħid, hemm il-kliem kollu safi, barra minn ftit li huma ta' xi għodod tas-snajja' jew tal-biedja. Xi kliem tekniku barrani hu wkoll imħolli barra. Xi kliem barrani bħal *baljol*, *bata*, *batut*, iktarx li jingħadd fost il-kliem safi. Id-dizzjunarju hu nieqes ukoll minn frażijiet. B'dana kollu,ix-xogħol ta' Vassalli

jibqa' dejjem bħala l-aqwa muftieħ għal dak li hu bini u tifsir tal-kelma maltija. Bih inqdew dawk kollha li wara ħarġu dizzjunarji oħra, fosthom Francis Vella, il-Baruni Azzopardi u Falzon, li tista' tgħid, mexa fuq Vassalli kelma b'kelma. Il-Konti Saverju Marchesi ħalla manuskritt li jinsab il-Bibljoteka (Ms. 662) imsemmi: "Principio di Vocabolario Italiano-"Maltese per necessario supplemento al vocabolario maltese "del Ch. Michele Antonio Vassalli Maltese stampato in Roma "nel 1796 incominciato nel Blocco, della Valletta dal 1798 al "1800 del Conte Saverio Marchese per ajuto di chi vuol "dall'Italiano conoscer le parole maltesi da lui non finito." Dan il-manuskritt hu miktub bl-alfabett ta' Vassalli, u l-ġabra ta' kliem li fih hija wisq żgħira. L-aktar li jolqtuk xi kliem ta' bebbux, ħut tjur u ħxejjex, iżda huma ta' fejda ċkejkna. Ħafna mill-kliem li hemm f'dan il-manuskritt jinsab ukoll imdaħħal fid-dizzjunarju ta' Vassalli.

Wara li ħarġet il-Grammatka Maltija (*Grammatica Melitensis*) u d-dizzjunarju (*Lexicon*) f'xi kotba u rivisti ta' barra dehru xi osservazzjonijiet u fehmiet fuq ix-xogħlijiet ta' Vassalli u fosthom nistgħu nsemmu dawk ta' Sonnini u tal-"Magazin Enciclopedique" ta' Pariġi.

Sonnini kien fizzjal tal-Flotta Franċiża u kellu sehem fl-ispedizzjon ta' l-Eġittu. Il-bastiment tiegħu kien telaq minn Tulun fis-26 ta' April, 1797. u minn Palermu fit-22 ta' Mejju. Il-ktieb tiegħu jismu "Voyage" ma kienx ħareġ qabel is-seba' sena tar-Repubblika. Kien ħabib ta' Dolomieux. Il-"Voyage" tiegħu hu fi tliet volumi u fl-ewwel wieħed, paġ: 93, fuq Vassalli jgħid dan il-kliem: "Wieħed għaref minn Malta *Antoine Vassalli* dan l-aħħar feda n-nazzjon tiegħu mill-għajb li ma għandhiex ilsien li tista' ssejjaħlu lsien Malti, u hu wera illi dan l-ilsien jista' jimxi flimkien ma' dak ta' ilsna oħra orjentali l-iktar għonja". Wara li ħareġ il-*Lexicon*, u sewsew fl-istess sena, fil-"Magazin Enciclopedique, 2nd année, Thome 4me. Paris (1796)" fil-paġ 139 u ta' wara dehru dawn il-kelmiet fuq ix-xogħol ta' Vassalli, li jiena qlibt mill-Franċiż: "Issa ħareġ ukoll f'din il-belt (Ruma) xogħol ieħor interessanti; dan hu vokabularju tal-lsien Malti ta' Antonio Vassalli, stampat Ruma, 1796, għand Fulgoni; jinbiegħ Malta minn għand l-awtur bil-prezz ta' żewġ skuti ta' Franza.

Ilhom żmien twil jitkellmu u jqassdu fuq il-lsien puniku jew kartaġiniż, u l-biċċa l-kbira tal-għorrief dehrilhom li għandhom jitkellmu bih fil-Gżira ta' Malta u f'dik ta' Għawdex.

L-awtur tal-vokabularju, li barra milli jaf tajjeb il-lsienu stess, jaf ukoll l-ilsna qodma orjentali, għamel ħiltu biex jiċċara dil-kwistjoni interessanti. Fl-1791 huwa kiteb grammatka maltija bil-latin, li fiha waqqaf is-sisien ta' l-ortografija fuq prinċipji irraġunati. Din il-grammatka tiftaħ bi prefazzjoni li fiha deskrizzjoni storika tal-ġrajjiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan l-ilsien.

Ix-xogħol li ħabbarna u li hu iddedikat lin-Nazzjon Maltija jiftaħ ukoll b'diskors fejn hemm imsemmijin l-istess ġrajjiet u irraġunati iżjed fil-wisa'.

Dan ix-xogħol hu mqassam f'diversi artikli. Fit-tielet artiklu huwa juri l-bżonn li fih tinsab in-Nazzjon Maltija li tmexxi l-quddiem it-tagħlim ta' lsienha stess, u jsemmi l-ordnijiet differenti tas-socjetà li jinsabu f'kundizzjon li ma jittraskurawx dan l-ilsien nazzjonali; huwa jfisser it-taħwid li għandu bilfors jinbet minn traskuraġni bħal din. Iżda billi ma jgħodd xejn illi wieħed jifhem dan il-bżonn kemm-il-darba ma jingħatawx il-mezzi biex dan il-lsien jiġi mgħallem u jitmexxa 'l quddiem, huwa juri l-metodu ta' dawn il-mezzi fir-raba' artiklu; huwa jirraġuna fuq il-prinċipji ta' l-ortografija u tal-grammatka u jressaq quddiem in-Nazzjon tiegħu proġett ta' fejda kbira biex wieħed jirriforma l-iskejjel u l-mod kif wieħed igħallem.

Il-vokabularju fih 682 kolonna li fihom kull kelma hija immarkata fil-ġenb b'ittri skond l-ordni ta' l-alfabet sabiex il-qarrej jista' jsibha fl-indiċi latin u taljan, u fl-appendiċi etimoloġiku li ma jdumx ma joħroġ. Il-kliem malti jimxi skond l-ordni ta' l-alfabet malti mogħti diġà mill-awtur fil-grammatka li kien għamel qabel din il-biċċa xogħol. Għat-tifsir differenti ta' kull kelma l-awtur jimxi b'dan il-mod: l-ewwel jagħti s-*sens proprju* li għandha l-kelma, imbagħad is-*sens figurat* u qabel xejn jagħti dejjem l-iktar *sens ordinarju*.

Il-letteratura għandha tibqa' tafhulu lil dan l-awtur talli ħu tgħallem hekk tajjeb il-lsien Malti li s'issa kien minsi għal kollox u li l-lum bil-mezz tal-metodu li wera jista' jimxi ma'l-ilsna kollha li għadhom ħajjin. Vassalli jurina illi lsienu ma hux djalett ċkejken kif intqal fi ktejjeb imsemmi "Malte par un Voyager Français" (1), iżda lsien interessanti qawwi u wieħed mill-iżjed qodma."

Qabel ma ngħaddi 'l quddiem biex nitħaddet fuq xogħlijiet oħra ta' Vassalli jaqbel li nieqaf biex hawnhekk ininżid xi ħaġa oħra li jiena sirt naf biha dan l-aħħar. Fil-waqt li se nagħlaq din il-bijografija, b'riħet it-tħabrik tal-

(1) Tal-Kavalier St Priest.

ħabib tiegħi s-Sur Gużè Gatt, ġiet f'idejja kopja ta' dokument li jinsab fl-Arkivju ta' l-Ordni fir-Reġistru Pubbliku u li jitħaddet fuq Vassalli meta sewsew dan kien diġà stampa u ħareġ il-Grammatka Maltija bil-Latin u kien wasal biex joħroġ ukoll id-Dizzjunarju mill-Istamperija ta' Fulgoni. Dan id-dokument jixħet dawl ieħor fuq il-ħidma ta' Vassalli għat-tagħlim tal-Malti fost il-Maltin u iżid ukoll biċċa oħra mal-ġrajjiet tal-ħajja tiegħu, u li tiswielna biex biha ngħaqqdu xi ċirkustanzi storiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-istudju u ma' l-ewwel xogħlijiet tiegħu u mal-ħajja letterarja tiegħu.

Vassalli, wara li ġie minn Ruma, jidher li sabiex jwettaq il-ħsieb tiegħu, imfisser fl-ewwel Grammatka Maltija u mbagħad fid-Dizzjunarju (Prefazzjoni), u jiftaħ it-trieq għat-tagħlim Malti skond il-fehmiet tiegħu, jiġifieri skond dak li trodd il-għamla ta' l-istess il-lsien Malti, kien bagħat petizzjoni lill-Granmastru De Rohan sabiex jagħtih permess jiftaħ skola pubblika u jgħallem il-Qari u l-Kitba Maltija. Il-permess qalgħu, iżda ma nafux jekk din l-iskola fetaħhiex, u, jekk fetagħha, kemm dam igħallem. Hekk jew hekk aħna nafu kif sewsew sentejn wara huwa sab ruħu mdeffes fit-taħwid tal-pajjiż u kif fl-aħħar kellu jħalli 'l pajjżu, u għalhekk din l-iskola ma setgħetx damet għal żmien twil.

Il-petizzjoni (1) kienet tgħid hekk : —

"*Altezza Serenissima,*

*Mikiel'Anton Vassalli il-Wisq Umli Qaddej u Vassall ta' l-Altezza Tiegħek bil-qima kollha li tixraqlek ifissirlek, illi wara li għamel f'dan il-wisq hieni pajjiż, u wara f'Ruma, l-Istudji tal-Filosofija, tat-Teoloġija, tal Ġurisprudenza, ta' l-Istorja u tal-Letteratura u ta' l-Ilsna Orjentali, ra l-bżonn kbir li Malta għandha li tmexxi l-istudju ta' Lsienha; u għalhekk għamel, u stampa Grammatka Maltija u wara mbagħad Vokabularju Malti-Latin-Taljan illi issa dal-waqt joħroġ mill-Istamperija ta' Fulgoni f'Ruma. Issa, billi dan li qiegħed hawnhekk jitlob raġa' lejn Pajjiżu, jixtieq jiftaħ skola pubblika normali għat-tagħlim tal-Qari u tal-Kitba ta' l-istess il-Lsien Malti, sabiex b'metodu ġdid u mqassam sewwa, kif isir min-Nazzjonijiet kollha mħarrġin, wieħed ikun jista' mil-lum il-quddiem bil-mezz ta' Lsien Malti stess jitgħallem kull waħda oħra mingħajr xkiel, u b'hekk għal min jistudja jkun hemm trieq ħafifa u watja, u b'hekk ukoll titqassar il-karriera twila u mwiegħra ta' metodu differenti.*

(1) Archivio dell'Ordine. Tom. XVI. 1792 al 1795. Vol. 1197 paġ. 129.

*U għal din il-grazzja.*

It-tweġiba għal din il-petizzjoni kienet din :—

*It-talba mogħtija taħt is-solti kondizzjonijiet.*

*Mogħti fil-Palazz, il-11 ta' April, 1795.*

R. C. Xerri, Uditur.

Minn din il-petizzjoni naraw illi Vassalli, bħalma konna ħsibna qabel, kien studja hawnhekk, imbagħad f'Ruma, għal qassis, u mal-materji l-oħra tħarreġ ukoll fit-tagħlim ta' l-ilsna orjentali.

Wara dan id-Dizzjunarju, kif rajna, Vassalli dam żmien twil ma raġa' mess il-pinna u kiteb fuq il-lsien Malti mħabba t-taħwid li fih kien sab ruħu fi żmien l-aħħar sentejn ta' l-Ordni f'Malta u t-turufnament li bata. Kien fl-1827 meta rnexxielu, b'riħet it-tħabrik ta' Hookham Frere, jistampa l-Grammatka Maltija bit-Taljan.

Fuq din il-Grammatka, flimkien ma' l-oħra ta' qabel (1791), tkellimna u fissirna l-fehmiet ta' wieħed mill-aqwa għorrief ta' żmienu; u nistgħu ngħidu wkoll illi l-awturi kollha li kitbu fuq is-Semitoloġia Komparativa semmew l-isem ta' Vassalli għax-xogħol tad-Dizzjunarju u ż-żewġ Grammatki tiegħu. Barra l-Gesenius, semmewh ukoll Miège fil-*Histoire* etc. vol: 1. paġ: 175 fejn igħarraf illi kien Frere li ken ħallas l-edizzjoni Taljana tal-Grammatka Maltija ta' Vassalli. Semmieh ukoll ir-Rev. C. F. Schlienz fil-"Views on the Improvement of the Maltese Language etc." (1838) paġ. 38 u, wara mbagħad Hans Stumme, "Maltesische Studien" 1904, paġ : 70, li jgħid : "Fost il-kotba li huma l-iktar tajbin biex wieħed jitgħallem u jkun jaf il-Malti, aħna nistgħu ngħoddu wkoll il-Grammatka tal-Lsien Malti ta' Michelangelo (sic) Vassalli, it-tieni edizzjoni (1827), ktieb li bla dubju ta' xejn jistħoqq li jarġa' jiġi stampat jew li wieħed jarġa' jagħmlu mill-ġdid."

A. C.

*(Jissokta)*

*Mill-Ingliż ta' P.B. Shelley*

I.

# L-Imgħoddi

Tinsa int is-sigħat ħelwa
Illi dħinna
Ġewwa l-moħba ta' min ħabb,
Ħalli niksu l-iġsma tagħhom,
B'ward u weraq flok bit-trab?
Ward il-ferħ li tar fix-xej,
Weraq, tama ta' li ġej.

II.

# Għanja ta' Mibegħda

Wieħed li jobgħod ġie ma' ġenb ħondoq
Ħareġ flawt ċkejken, għodda qadima,
U għanna għanja, bħal għajta kerha
Kontra ta' mara b'qalb minn ta' bhima.

III.

# Il-lum ma hux biżżejjed?

Il-lum ma hux biżżejjed? għalfejn ngħarrex
Hemm ġewwa d-dalma minn tal-jum li ġej?
Mhux sejjer għada, tgħid, ikun bħall-bieraħ?
U l-jum t'urajh itemm id-dieq fix-xej?

Ftit ward għad jiftaħ fuq dik triqtek kiesħa;
Min ser issib xħin tmur fid-dar ħemdija
Mnejn inti ħriġt u fejn trid terġa' tidħol
Tad-dmugħ u d-dwejjaq taħt il-pis mifnija?

**Ġorġ Pisani**

# Imrar u Ħlewwa

.....u ġibulu quddiemu xi tfal biex iqegħdilhom idu fuq rashom u jberikhom iżda l-irsuli (biex ma jdejqux lil Ġesù) ċanfru 'l dawk li ressquhomlu: u Ġesù meta ra hekk, dar fuqhom qalilhom:— ħalluhom lit-tfal żgħar jiġu għandi u la żżommuhomx; għax tagħhom u ta' min hu bħalhom hija s-saltna tas-smewwiet. ¡Tabilħaqq ingħidilkom, min ma jilqax is-saltna t'Alla bħal tifel żgħir, ma jidħolx fiha! u ħaddanhom miegħu lil dawk it-tfal u berikhom billi qiegħed idejh fuq rashom.

Kienet l-imgħallma ta' l-iskola qiegħda taqra u tfisser fil-klassi, kemm Ġesù jħobb igħożż u kemm huma għal qalbu t-tfal li jibżgħu u jitbiegħdu minn kull ħjiel ta' qerq u ħażen biex ma jkasbrux is-safa ta' qalbhom: huma bla ma jbarru kelma waħda, għajnejhom imsammrin f'wiċċha, jisimgħu bl-akbar dehwa t-tagħlim fejjiedi illi t-twajba mgħallma, kienet, b'nisġa ħafifa ta' kliem imtenni u li jiftiehem, tiżra' b'fehma tajba, fil-qlub ta' dawk il-ħbieb u maħbubin ta' Ġesù.

Kienet mewġa safja din li biha is-sinjora kienet issaqqi l-qlub tarja li jirtaktu u jmilu għal kull xejra u s-sinjora kienet twettaqha bil-għamil: għax x'jiswa li tibni bil-kelma dak li tħottu bil-għamil? Il-kelma tqanqal, iżda l-għamil ikaxkar!

It-tfal mikrumin wara l-"Miss", kienu jixorbulha l-kelma minn fommha — hi, min-naħa l-oħra, kienet tħobbhom, taf tmur għal xejrethom, ferriħija minn qaddisha u dħulija kemm tridha.

Kemm għandu għax jifraħ u jfarraġ qalbu min għandu merħija f'idejh it-torbija ta' ruħ it-tfal, il-mimmi ta' għajnejn Kristu!

Kienu qorbu l-btajjel tas-sajf, meta dawn il-qlub f'qalb waħda, is-sinjora u t-tfal, kellhom mhux b'rajhom, iżda fuq qalbhom, jinfirdu minn xulxin.

Kien ix-xahar ta' l-Imnarja, u t-tfal —imħallta l-bejgħa— għall-vaganzi, min mitfugħ b'ruħu-u-ġismu għall-għawm u t-tbahrid lejn ix-xtut ma' tad-dar—mingħad-dris u d-diri fuq l-andar, fuq il-qiegħa ma' missieru u l-ġlajka....u wara l-btajjel

għal ta' l-Użarju mill-ġdid għall-iskola; dak-in-nhar, l-ewwel ta' Ottubru, is-sinjora kienet tagħlaq sninha; u qabel infirdu, barra twissijiet tar-ruħ u oħrajn li jmissu s-saħħa tal-ġisem, is-sinjora għarrfithom li l-jum li fih kellhom jiltaqgħu kien jaħbat sewwa-sew jum twelidha.

—Itolbu, qaltilhom, li dak il-jum idaħħalni f'sena ta' barka, hena u sedqa – mhux biss lili u lilkom iżda lid-dinja kollha.

—Iva...iva... Miss! irmaw iwerdnu t-tfal qatta-bla-ħabel u nġibulek rigal tifkira dak-in-nhar—qabżu qalulha qalbhom taħraq u trid ittir bil-ferħ! U għal wara l-btajjel—bl-imħatra min fosthom iġibilha l-isbaħ tifkira!

Kemm hu sabiħ u ħelu ż-żmien bla ħtija tat-tfulija! ...bla għelt, bla qerq, mingħajr ebda ħjiel ta' ħażen li jgħawwar il-qalb u jidrobha!

Jum war'ieħor il-btajjel għaddew u wasal l-ewwel ta' Ottubru: it-tfal wiċċhom lewn il-qamħa, maħruq bl-imrieżaq tax-xemx, bit-tbahrid, bil-għawm, bil-qagħad u l-qbiż ta' fuq il-qiegħa....u daħlu fil-klassi ħfief ħfief qalbhom ferħana, għajnejhom jidħku u jibru wara t-talba, resqu ħallata-ballata jitħaxknu mas-sinjora, bl-imħatra min l-ewwel fosthom inewlilha f'idha l-għati ta' għeluq sninha, li ġiebu magħhom: barra Wenzinu li ta kemm-il-salt biex bħat-tfal l-oħra jagħmel dmiru; iżda bil-mistħija żamm ruħu lura u sħabu sebquh. Wenzinu, liebes ta' fqir iva, iżda nadif donnu xummiema, deherlu li ma għandux għall-mistħija jibqa' bla ma jagħti huwa wkoll lis-sinjora t-tifkira li ġebilha u għamel ħiltu, qam, resaq lejha, telqilha f'idejha qartas b'xi ħaġa fih u raġa' lura f'postu. L-imgħallma tat ħarsa ħelwa fuq Wenzinu, teftfet b'subgħajha l-qartas u qabduha x-xwiek biex tara x'fih! fuq il-magħlaq Wenzinu kiteb:—"Miss, jiena Wenzinu... irrid intik dan ir-rigal għaliex għalaqt sninek."

L-Imgħallma qattgħet ras il-magħlaq u b'żewġt iswaba' siltet qartas... fetħitu, u ssib tliet zokkriet-tal-qampiena kull waħda mqarsta ġo biċċa kartastrazza...u ħalliethom imperrċin quddiemha fuq il-mikteb!... tat ħarsa lejn Wenzinu li wiċċu kien għadu mfawwar bil-ferħ, għax bħalkieku ħeles milli kellu jagħmel u serraħ moħħu: dak il-ħin għajnejhom iltaqgħu ma' xulxin u tkellmu! Is-sinjora x'ħasset f'qalbha dak il-ħin jafu jgħidu u jfissru biss, ir-ruħ u l-poëta, li dan, sata' jgħarrex u jifli ġo dawk iż-żewġt għajnejn!.... u sejħitlu ma' ġenbha.

—X'ġibtli, Wenzinu? qaltlu wara li taptpitlu fuq kitfu.

—Tliet zokkriet...

—Kif taf li nħobbu z-zokkor? Wenzinu...,

—Għax, jiena nħobbu ħafna... u dawk warrabthom għalik, Miss, mill-kafè li tagħtini n-nanna filgħodu...

—U kemm-il-zokkra tagħtik in-nanna filgħodu għall-kafè? Wenzinu...

—Waħda, miss...

—U l-kafè?

—Il-kafè xrobtu morr...

—Bil-ħalib?

—Le, Miss;... aħna d-dar ma niħdux ħalib; u jiena ma nħobbux...

—Morr tħobbu?

—Le: iżda dawk iż-zokkriet iċċaħħadt minnhom, l-ewwel, it-tieni u t-tielet ġimgħa tax-xahar li ħareġ; u nebbħuni t-twissijiet li tajtna inti, kemm jogħġbuh lill-Bambin, iċ-ċaħdiet fil-jiem ta' nhar ta' ġimgħa li fiha miet għalina.

L-Imgħallma wara li stampat fuq ġbin Wenzinu bewsa ta' mħabba l-iżjed safja bit-tliet zokkriet miftuħa quddiemha riedet troddlu l-ħajr... iżda telgħetilha għoqla, ilsienha żamm, xofftejha tbissmu, għajnejha tkellmu u Wenzinu wieġeb b'għajnejh! Stejqret... mesħet b'wiċċ sebagħha l-kbir demgħa minn xfar għajnejha u qalet lil Wenzinu:-

—Ibni, li tajtni nżommu b'tifkira li nibqa' ngħożż sal-mewt. Inwiegħdek sa minn issa, illi tkun xi tkun il-għażla illi l-Mulej kiteb fuqek, għall-kisba tal-għajxien ta' kuljum, lili ssibni dejjem miegħek—infaħħar sat-tmiem ta' ħajti l-fehma li għaliha l-lum inti tajtni din it-tifkira, għaliex qabli faħħarha l-Mulej fl-inġil meta dik il-fqira minnu msemmija fil-Kotba mqaddsa, kienet xeħtet fil-kaxxa ta' l-aġar, fils wieħed li ma kinetx tikseb għajru.

"Dawn it-tliet zokkriet, bojod bħas-safa ta' ruħek," kompliet tgħid l-imgħallma, "huma għalla ta' tliet tgħakkisiet li ħarġu minn qalb safja... Hawn id-dmugħ raġa' beda jġelben għal fuq ħaddejha u xi żewġ qatriet iġġarrfu fuq il-qartas u xarrbu z-zokkriet li kienu għadhom imperċin quddiemha.

Wenzinu beka magħha!

Siġra tajba tagħti għalla tajba; hekk għallimna l-Mulej.

Nhar *Corpus* 11 - 6 - 36

R. M. B.

# Kotba ġodda bil-Malti fl-1936

F'Ottubru ta' din is-sena waslu Malta l-kopji ta' *Censu Barbara*, ġrajja ta' Malta fi żmien il-Franċiżi miktuba minn Ġ. Muscat Azzopardi u maħruġa mix-"Xirka għat-tixrid tal-Qari Malti" ta' l-Eġittu, ktieb sabiħ ta' 84 faċċata mitbugħ għand A. De Giorgio, Port Said.

Xinhi din ix-"Xirka għat-tixrid tal-Qari Malti"? Din ġiet imwaqqfa, xi ftit snin ilu, fost il-Maltin li hemm l-Eġittu biex ixxerred kotba bil-Malti, miktubin tajjeb u biex toħroġ kotba u rivista bil-Malti ħalli dejjem iżommu marbuta l-fehmiet u x-xewqat tal-qalb ta' tant Maltin li mbiegħda minn art twelidhom għandhom bżonn ta' għaqdiet, soċjetajiet, kumitati biex iżommuhom marbutin u mfakkrin f'xulxin. Minn dawn fl-Eġittu, nżżu ħajr 'l Alla, mhumiex neqsin, u din ix-xirka mwaqqfa, kif igħid isimha stess, għat-tixrid tal-qari Malti, tista' u għadha tagħmel ġid bla tarf fost l-20,000 Malti li hemm, li jekk ma jkunux magħquda flimkien u ma jkollhomx f'idejhom kitba tajba Maltija jistgħu jinsew wieħed lil l-ieħor, u dlonk, huma jew uliedhom, jitilfu l-kelma maltija minn fommhom, jitilfu l-Isien għażiż ta' art twelidhom; u jekk qatt jitilfuh żgur li ma jibqgħux iżjed Maltin għax kif igħid il-poeta Prof. Cuschieri:

> ......Isienna jekk qatt jinqered
> taħsibx li jibqa' ta' demmna l-fjur;
> jitbiddel ħsiebna, jitbiddlu qlubna,
> it-tajjeb kollu jitlaq u jmur.

Mela l-ħsieb ta' din ix-Xirka hu ħsieb sabiħ, hu ħsieb qaddis u aħna l-Maltin għandu jkun dmir tagħna li ngħinuha lil din ix-Xirka kemm jista' jkun.

Din ix-Xirka, mela, indaħlet, kif ġa għidna, mhux biss biex tieħu u tbigħ fl-Eġittu kotba bil-Malti (kotba miktuba bl-ortografija tal-Għaqda li hi ħatret bħala l-ortografija uffiċjali tagħha) imma, bil-ftit ta' kapital li ġabret, issa bdiet tistampa kotba hija wkoll. L-ewwel wieħed huwa dan li qed insemmu 'Ċensu Barbara' li jekk infakkru biss li hu miktub minn Ġużè Muscat Azzopardi, il-kittieb ta' 'Nazju Ellul' huwa biżżejjed biex inkunu qegħdin infaħħruh u ntuh isem biżżejjed ta'

ġieħ: u mbagħad il-kelma Maltija, l-istil mexxej tas-sur Ġużè Muscat Azzopardi mhuma xejn nieqsa f'dan il-ktieb għalhekk nixtiequ nħajru lill-qarrejja tagħna li jfittxu jiksbu wieħed. Fost il-Maltin ta' l-Eġittu mexa ħafna dan il-ktieb u hemm, ix-Xirka, biegħet minnu bil-mijiet. Aħna, Malta, se nibqgħu lura? Issibu tixtruh minn għand Aquilina tal-Kotba ta' Strada Rjali l-Belt.

* * *

Xogħol sabiħ maħruġ mill-Gvern din is-sena huwa l-qlib bil-Malti, minn Dun Ġużepp Farrugia, Bibljotekarju fil-Librerija tal-Gvern ta' Għawdex, ta' l-Istorja ta' *Għawdex* miktuba minn dak il-għaref Għawdxi li kien Dun Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, kanonku tal-Knisja Kolleġġjata u Matriċi ta' Għawdex.

Lil De Soldanis, li twieled fl-1712 u huwa kittieb ta' bosta opri sbieħ sew stampati kemm manuskritti, aħna nafuh bħala "l-ewwel wieħed li fiż-żmien bikri tat-tagħlim u tal-kitba Maltija tqanqal biex jikteb Grammatka ċkejkna fejn ried ifisser in-Nisel tal-Malti mill-Kartaġiniż u damma ta' kliem kartaġiniż fil-fomm tal-Maltin u l-Għawdxin".

Dan ix-xogħol tiegħu fuq il-ġrajja ta' Għawdex li hu biċċa xogħol li għandu jkun f'idejn kull dilettant ta' l-Istorja Dun Ġużepp għaraf jaqilbu bil-Malti tajjeb ħafna u hekk ta xogħol kbir u sabiħ bħal dan f'idejn il-qarrejja kollha jafu jew ma jafux b'ilsna barranin. Fih fuq il-150 faċċata u hu stampat tajjeb ħafna fl-Istamperija tal-Gvern.

* * *

Id-Dipartiment tat-Tagħlim ħareġ: *Ġrajjet Malta u n-nies tagħha*, miktub minn Dr. A.V. Laferla, Direttur tat-Tagħlim u maqlub bil-Malti minn G. Ebejjer u S. Gatt. L-ewwel ktieb pp 70 London 1936.

Dak in-nhar li ħareġ l-aħħar numru ta' *Il-Malta* wasal Malta dan l-ewwel ktieb ta' l-Istorja ta' Malta miktub għat-tfal ta' l-iskejjel u għal kull min iħobb l-istorja ta' Malta u l-Isien Malti.

Dan l-ewwel ktieb fih *ġrajjet Malta*—fil-qosor imma bla ma jonqoshom xejn li hu ta' min isemmih—mill-ewwel żmenijiet tagħha sa qabel ma ġew Malta l-Kavalieri ta' San Ġwann, jew kif aktarx jissemmew il-Kavalieri ta' Malta. Fuq l-ewwel żmenijiet hemm miġbur fi ftit kliem dak li wieħed

jista' jgħid fuqhom mill-fdalijiet li nstabu fil-blat tagħna, mill-għadam fossilizzat ta' għadd kbir ta' annimali li ma setgħux igħixu ħlief fuq artijiet kbar, mill-fdalijiet li jfakkru fl-ewwel bnedmin li għammru hawn; mill-fdalijiet tal-bniedem ta' Żmien il-Ħaġar;—fejn jidher kemm kien, dan il-bniedem, miġbud għal dinu;—minn kulma nstab: ħaġar tal-mitħna, tinqix, statwi mġissma u mbagħad għodod, statwi oħra magħluba, żibeġ u tiżjin tal-mara, xaqquf u għodod oħra...u minn dan kollu l-kittieb jissoponi, iġib quddiem għajnejh u jikteb il-ġrajja ta' *żmien il-qedem*. Imbagħad jidħlu l-Feniċi, nies baħħarin, neguzjanti li ġiebu 'l Malta bil-bosta 'l quddiem, il-Kartaġiniżi, il-Griegi, u r-Rumani li ma' tul il-ħakma tagħhom Malta rat dik il-ġrajja tal-għaġeb tal-miġja ta' l-Appostlu Pawlu bit-twemmin il-ġdid ta' Kristu miegħu. Imbagħad ġew żmenijiet oħra *żmenijiet mudlama*: żmien il-Biżantini, il-Għarab, in-Normanni; *żmenijiet ta' ferħ* bil-miġja tal-Konti Ruġġieru; *żmenijiet ta' tqabid*: l-Anġojini, l-Aragoniżi, il-Kasteljani u żmenijiet ta' biki, għaks, gwerer, meta l-Maltin kellhom ibigħu dehebhom, jagħtu ġidhom biex jeħilsu 'l Malta mill-jasar, meta l-Maltin kellhom jitqabdu ma' l-egħdewwa biex jeħilsu mill-mewt u mill-qirda; u tkompli l-istorja ta' għaks u tbatija, ta' telf, ta' rebħ sa ma ġie Malta l-Ordni ta' San Ġwann...

Dan kollu jinsab imfisser b'reqqa kbira f'dan l-ewwel ktieb ta' *Ġrajjet Malta u n-Nies tagħha* li qegħdin insemmu li hu miktub bi stil ħelu u mexxej li jġiegħlek taqrah f'nifs wieħed. Barra minn dan, dan il-ktieb huwa mżejjen b'xi stampi sbieħ biex igħinu l-qarrej iġib quddiem għajnejn xi erbgħa minn fost il-ġrajja li fih imsemmija.

Prosit tassew lil min kitbu u lil min qalbu, u issa nittamaw li ma ndumux ma naraw il-bqija ta' din l-opra sabiħa.

Id-Departiment tat-Tagħlim ħareġ ukoll it-tielet ktieb tal-ġjografija jew *Tagħlim fuq id-dinja* bil-Malti: din id-darba fih *Ħarsa lejn id-dinja* u jitkellem fuq kif saret id-dinja, kif iddur madwar ix-xemx u fuqha nfisha, il-klima, is-siġar u l-uċuħ, in-nies u, imbagħad, l-iżjed,fih erba' kelmiet fuq l-Imperu Ingliż li "fih nies ta' kull lewn, ta'kull reliġjon, li jitkellmu b'mijiet ta' ilsna għax jinfirex minn tarf għall-ieħor tad-dinja u x-xemx qatt ma tgħib minn fuqu (p. 22)."

Bħal ta' qablu dan il-ktieb, maqlub għall-Malti mis-surmast G.A. Cilia ta' l-Imġarr, huwa mimli bi stampi sbieħ u ta' tagħlim, miktub bi stil tajjeb u ħafif għad li fuq suġġett iebes minnu n-nifsu.

* * *

Żewġ kotba oħra miktubin minn żewġ patrijiet Dumnikani u stampati bl-ortografija tagħna li huma (1) *Il-Għanjiet dwar l-Ewkaristija* ta' P. Albert M. Grech S. Theol. Lect. u (2) *Il-Quddiesa ta' Kristu Sultan* tal-P. Dot. Beneditt M. Fsadni, ħarġu ma' tul dawn l-aħħar tliet xhur u għalhekk irridu li, jekk ma nitkellmux fuqhom fit-tul imħabba fil-ftit wisa' li għandna għalhekk, għall-inqas insemmuhom hawn u ngħidu kemm tassew jogħġbuna u ntuhom it-tifħir li jistħoqqilhom·

Fl-ewwel wieħed hemm maqlubin f'versi bil-Malti, ħamsa mill-aqwa għanjiet ta' l-Ewkaristija miktubin bil-latin mill-Għaref tal-Knisja San Tumas t'Akwinu li huma *l-Pange lingua*, is-*Sacris Solemnis*, il-*Verbum Supernum*, il-*Lauda Sion* u l-*Adoro te Devote*.

L-ieħor, xogħol ta' reqqa kbira, huwa l-qlib mil-latin u t-tifsir tal-*Quddiesa ta' Kristu Sultan*, quddiesa li ssir fil-festa ġdida mwaqqfa mill-Papa Piju XI. biex tħeġġeġ lill-insara ħalli jxandru ma' kullimkien din is-setgħa ta' Kristu fuq il-ħlejjaq kollha. Għalhekk kien xieraq li l-Maltin, li ta' kull sena jissolennizzaw din il-festa bl-ikbar pompa ikollhom f'idejhom din il-Quddiesa, kelma b'kelma, bil-Malti kif ukoll tifsir xi ftit fit-tul fuqha kif għamel il-Patri Fsadni fit-tieni taqsima ta' dan il-ktieb tiegħu.

* * *

It-tifkira li l-Maltin jagħmlu ta' kull sena tar-rebħa l-Kbira ta' l-1565, din is-sena ħalliet urajha stampata tliet taħditiet li saru waħda fil-Belt Valletta, oħra f'Għawdex u l-oħra f'Port Said, l-Eġittu, stampati t-tlieta bl-ortografija tagħna.

Fuq l-ewwel waħda, magħmula l-Belt Valletta mir-Rev. Prof. Dr. P.P. Saydon tkellimna fl-aħħar ħarġa.

Issa għandna f'idejna t-tnejn l-oħra, l-ewwel wieħed miktub miż-żagħżugħ poeta tagħna Ġorġ Pisani: *It-taħdita, tar-rebħa* li hu qalha f'Għawdex erba' kelmiet li ħarġu minn qalb: żagħżugħa u poeta u li tagħhom aħna nifirħulu

bil-qalb. It-tieni ktieb imbagħad, fih it-taħdita magħmula fiċ-*Cinema Majestic* ta' Port Said mill-Patri Baskal Grech O.F.M. il-Kappillan tal-Maltin f'Port Said, u li hu semmieha bl-isem qawwi ta' "*Il-Fidwa tal-Maltin*". Prosit tassew.

U hekk għalqet sena oħra ta' rebħ għal-Isien Malti, sena li fiha ħarġu u bdew joħorġu bosta kotba bil-Malti ta' tagħlim u ta' ħtieġ liema bħalu, miktuba b'Malti safi u mexxej, stampati bl-ortografija tal-Għaqda: dik l-ortografija li, nittaħajr 'l Alla, mindu l-Malti daħal fl-Iskejjel, fil-Qrati, fl-eżamijiet qiegħed idaħħalha fix-xogħol tiegħu kull kittieb li jrid li x-xogħol tiegħu jinqara u fl-istess ħin ma jkunx ta' tfixkil għat tagħlim tal-Malti li kuljum qiegħed jikber.

Għal din ir-raġuni, ma nistgħux ma ndejqux qalbna u ma nistagħġbux bi ftit meta fil-ħin li niftakru kemm it-tfal ibatu biex jitgħallmu, kemm jonfqu flus il-missirijiet, jaħlu saħħithom is-surmastrijiet għat-tagħlim, b'dana kollu bqajna naraw ġurnali u perjodiċi bil-Malti li għad li huma maħruġin bi ħsieb waħdani li jgħallmu u jiftħu 'l għajnejn, qegħdin ifixklu t-tagħlim ta' ħafna żgħażagħ, ineffqu l-flus lill-Gvern u lill-missirijiet billi jistampaw u joħorġu u jxandru kotba u ġurnali miktubin b'ortografija li hi kontra t-tagħlim tal-Malti kif hu mgħallem fl-iskejjel u mitlub fl-eżamijiet,—eżamijiet li jersqu għalihom tant u tant żgħażagħ b'qalbhom ittaqtaq....

Id-deni li qiegħed isir imħabba f'dawn in-nies, Alla biss jafu! il-għaliex tifel li jkun qiegħed jitgħallem sistema fl-iskola u jsib f'idejh u jkun imġiegħel jaqra kitba mwaqqfa fuq sistemi oħra ma jistax fl-eżami ma jħawwadx rasu!

Għalhekk u *għalhekk biss*, flimkien ma' *Leħen il-Malti*, irridu nħaqquha li t-tfal u ż-żgħażagħ li qegħdin jitħejjew għall-eżamijiet ma għandhomx bl-ebda mod jaqraw kotba u gazzetti miktubin bl-ortografija ħażina li tista' tnessihom kulma jkunu tgħallmu: kotba bil-Malti, sew religjużi kemm profani, miktubin bl-ortografija tal-Għaqda, għandna ħafna u b'ferħ kbir ta' qalbna nistgħu ngħidu li qegħdin kull jum jiżdiedu bħalma tixhed din is-sena li fiha ħarġu 22 ktieb minn din ix-xorta li b'kollox fihom fuq il-2,000 faċċata u dana barra l-perjodiċi u gazzetti wkoll bl-ortografija tagħna.

F. S. C.

# IL-WERREJ
# TAT-TNAX IL-SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| L-Imħabba, dik tħoll u torbot | | 3 |
| Żmien ir-Re Ġorġ f'Malta | G. Galea | 5 |
| Lil San Pawl | Dun Karm | 8 |
| Is-sunett | Dun Karm | 9 |
| Il-Ġid u d-Deni | J. C. | 13 |
| Mikiel Anton Vassalli | A. C. | 15-48-95-122 |
| Il-Gass | Dun Karm | 20 |
| Ħolm ir-Ramla tan-Nadur | K. Vella Haber | 20 |
| In-Nutari | Ġ. Gatt | 22-55-81 |
| *Malte et sa Litterature* | Dun Karm | 28 |
| Dawl u Tama | Ġ. Chetcuti | 30 |
| Kotba ġodda bil-Malti fl-1936 | F.S.C. | 32-67-100-132 |
| Ottubru | R. P. | 34 bis |
| Ġurnal bil-Malti għat-tfal | G.Z.A. | 34 bis |
| Bdew jifhmu | | 35 |
| Sbejħa Marija | A. G. | 38 |
| L-Armonija fil-Kitba tal-Proża Maltija | P. P. Saydon | 39 |
| In-Nemusa u l-Barri | R.M.B. | 43 |
| Frak—Xewqat tal-Milied | D.K. | 43 |
| Ħasibha Tard | Ivo Muscat-Azzopardi | 44 |
| Il-Poeżija tal-Ħajja | Ġuże Chetcuti | 53 |
| Taħbit u ferħ ta' Ħajja | ,, ,, | 59 |
| Dizzjunarju Malti | | 71 |
| Minn fuq il-Barrakka | K. Xuereb | 73 |
| Triqat Mitlufa | Ġorġ Pisani | 75 |
| Intietef | A. C. | 78 |
| Għall-mewt ta' G. K. Chesterton | K. Vassallo | 80 |
| Imħabba u Mibegħda | Guże Chetcuti | 87 |
| Il-Maltin f'Lepanto | Salvu Agius | 89 |
| Mill-Mewt għall-Ħajja | R.M.B. | 91-121 |
| L-Annimali u l-egħdewwa tagħhom | S.—C.M.D.C. | 92 |
| Tnehid ta' Ltim | Mario Agius | 94 |

| | | Faċċata |
|---|---|---|
| Għalqet sena oħra | | 100 |
| Dwal | K. Vassallo | 104 |
| Villa Rumana | G. Chetcuti | 105 |
| Għaliex il-Versi tat-tmienja fil-Poeżija Popolari | Dun Karm | 107 |
| Jum l-Armistizju, 1936 | „ „ | 112 |
| L-Iskrapan Maltin fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi | Ġ. Gatt | 113 |
| Ġejja x-xita | R. M. B. | 119 |
| Mill-Ingliż ta' P. B. Shelley | Ġorġ Pisani | 128 |
| Imrar u Ħlewwa | R.M.B. | 129 |

# TAGĦRIFA

Dawn il-ġranet ħareġ ir-rapport uffiċjali tal-Konkors li nieda l-Gvern għall-aħjar romanzi bil-Malti. Il-Bord ta' Mħallfin kien magħmul mill-President Dr. A.V. Laferla, Direttur ta' l-Edukazzjoni u mis-sur Ant. Cremona, Mons. G. Darmanin, Rev. G. Delia, S.J. Rev. Carm Farrugia, l-Onor C. Mifsud Bonnici u l-Prof. P.P. Saydon.

Il-premijiet ittieħdu hekk:

1. G. Aquilina—*Taħt tliet saltniet.*
2. Dr. G. Galea—*Żmien l-Ispanjoli.*
3. Ġino. Muscat Azzopardi—*Anġli tan-Niket*
4. Ġ. B.—*Il-Qawwa ta' l-Imħabba.*
5. R. Mifsud Bonnici—*Santu Formosa.*

Barra minn dawn erba' oħra issemmew b'ġieħ: Ġ. Ellul, Patri A. Born O.P., Mary Meylak u Fred Nicholas.

Nifirħu bil-qalb lil dawn kellha u nittamaw li nfittxu nibdew naraw stampati dawn ir-rumanzi.